MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Awwissu, 2007

Mandat Numru. 1211/2007/1

**Anthony Fenech (1070945 M) f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' Tile Craft Ltd (C-8722)**

**-vs-**

**Carmelo Borg (599745 M) u Franco Debono (105070 M)**
**u martu Daphne Debono (289672 M).**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors;
Rat ir-risposta;
Rat id-dokumenti ezebiti;
Semghet lill Avukati difensuri;

**Talba**

Ir-rikorrent pro et noe qed jitlob li dina l-Qorti zzomm lill-intimati milli jiskavaw fil-proprjeta' taghhom li hi adjacenti ghal dik tar-rikorrent u milli jifthu xi tip ta' access fl-isqaq privat li jaghti ghall-proprjeta' tieghu.

L-intimati qed jopponu dina t-talba.

**Ligi**

*Skop tal-mandat.*

**873.** (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

*Ezami tal-qorti.*

(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk iz-zewg elementi rikjesti biex jinhareg il-mandat huma li r-rikorrent juri li jidher li hu ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) jedd x'jikkawtela u li l-mandat hu mehtieg biex jithares dan il-jedd.

Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternativi, jigifieri li jekk wiehed minn dawn iz-zewg elementi huwa nieqes, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal-hrug tal-mandat.

**Konsiderazzjoni**

Fil-kaz in ezami r-rikorrent qed jitlob il-hrug ta' dana l-mandat ghax qed jippretendi li almenu bhala persuna li ghandha dritt ghall access minn dana l-isqaq privat[1] li jwassal ghall-proprjeta' tieghu, ghandu dritt li jwaqqaf lill-intimati milli jifthu xi tip ta' access inkluz bieb f'dan l-isqaq privat.

[1] Mill atti ma jidhirx li r-rikorrenti qed jippretendi li l-isqaq hu proprjeta' tieghu.

Jirrizulta mill-atti ezibiti li l-intimati ilhom zmien juzaw dan l-access minn dan l-isqaq ghad-drive in taghhom. (Ara ritratt a fol 29). Inoltre jirrizulta wkoll li bix-xoghol li se jigi intrapriz mill-intimati, huma mhumiex se jostakolaw il-passagg lir-rikorrent.

Izda anke jekk ir-rikorrent jista' jkollu dritt prima facie kif qed jippretendi li ghandu li jzomm lil-intimati milli accedu minn dana l-isqaq, il-Qorti xorta wahda trid tara jekk nonostante dana, hux mehtieg li jinhareg dan il-mandat, u jekk ir-rikorrent se jbatiex pregudizzju rrimeddjabbili jekk il-mandat ma jinharigx.

Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz mhux mehtieg li jinhareg il-mandat billi r-rikorrent mhux se jbati pregudizzju rrimeddjabbili billi dejjem jibqghalu rimedju li, jekk eventwalment jigi pruvat li l-intimati ma kellhom ebda jedd fuq l-isqaq, ir-rikorrent ikun jista' jgieghelhom jaghlqu l-fetha li bhal issa huma qed jaccedu minnha. Mandat ta' inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali, u "Il-mandati kawtelatorji, appuntu ghaliex isiru fi zmien meta l-kreditu jew pretensjoni ghad ma jkunux gudizzjarjament accertati u stabbiliti, huma odjuzi u d-disposizzjonijiet tal-ligi dwarhom ghandhom jircevu interpretazzjoni rigoruza" (App. Kumm. Said vs Said 8/3/68). Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami, il-mandat m'ghandux jinhareg.

Kwantu ghal talba tar-rikorrent biex l-intimati ma jiskavawx fil-proprjeta' taghhom u mhux limitatament ghal mal-hajt divizorju, it-talba kif inhi ma tistax tintlaqa', imma anke kieku, jirrizulta bl-iskavar li qed isir, anke jekk l-intimati ma zammewx id-distanzi legali, xorta wahda mhux se jkun hemm pregudizzju irrimeddjabbli lir-rikorrent billi l-iskavar qed isir ma spazju miftuh.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Prevja li tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tal-14 ta' Awissu 2007

U billi mhux mehtieg li jinhareg dana l-mandat
Tichad it-talba
Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------